# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba’ Legislatura

Laqgħa Numru 1/2019

8 ta’ Jannar, 2019

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Safi ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f’40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-3:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

1.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet irċiviet e-mail mingħand il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala għaliex ma kienx jiflaħ. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

1.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

1.2.2 Is-Sindku qal illi ref punt 13.2.8 konna għadna qiegħdin nistennew mingħand il-Perit bid-data meta ser jiġi s-Surveyor.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx għalaq iż-żmien biex titlesta t-triq. Is-Sindku kkonferma illi l-Kunsill kien talab għal *extension* oħra u li din ġiet approvata.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus qal illi mportanti li tinżamm kopja ta' kull ma qiegħed jintbagħat lil Kuntrattur sabiex ma jkollnix problemi l-quddiem u li l-Kuntrattur għandu jinżamm responsabbli jekk ma jlaħħaqx maż-żmien.

1.2.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward ref punt 13.2.12 minħabba l-ispazju għal *Car Sharing.* Is-Sindku kkonferma illi dan l-aħħar kien ilu ma jkun hemm karozza pparkjata fil-pjazza u li l-Kunsill kien avża uffiċjalment illi dan il-parkeġġ għandu jimxi għal Triq il-Menqa.

1.2.4 Il-Viċi Sindku qal illi ref punt 13.3.5 ma kien sodisfatt xejn bit-tiżjin tal-Milied. Huwa qal illi wara jumejn li nxtegħlu diġa kien hemm partijiet mitfijin. Is-Sindku qal illi kien kellem li min ħadem fuq id-dwal li assigurawh illi kif intramaw kollha kienu jixegħlu. Il-Kunsill qabel illi għandna nbiddlu minn fejn jinxtara r-rope light u forsi jkun aħjar illi niffukaw fuq post wieħed sabiex id-dwal ikunu qrib xulxin. Il-Kunsill qabel ukoll illi għal Milied ieħor il-Kunsill għandu jiddiskuti pjan u nistaqsu minn kmieni jekk jistgħux ilestu maż-żmien u b'mod professjonali.

1.2.5 Is-Sindku qal illi rigward ref punt 13.3.6 kien bagħat l-ittra ta' oġġezzjoni għal approvazzjoni tal-Kunsill permezz tal-e-mail għaliex ma stajniex nistennew sal-laqgħa minnħabba li kien hemm deadline sa meta nistgħu nressqu l-oġġezzjoni. Is-Sindku qal li issa ma kienx hemm x'wieħed jista' jagħmel aktar ħlief li jistenna risposta mill-Planning Authority li jista' jkun li tieħu fit-tul.

1.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kellniex l-istima ref punt 13.4.1. Is-Sindku qal illi kien ser idaħħalha f'Komunikazzjoni mis-Sindku.

1.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk xi ħadd kienx mar jara l-kantuniera ref punt 13.4.3. Is-Sindku qal illi ma kienx għadu mar jara din il-problema.

1.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa fuq il-Planting Scheme. Is-Sindku qal illi din konna qiegħdin nistennew lil tal-Cleansing biex inaddfuha.

1.2.9 Is-Sindku qal illi l-Arja kkondizzjonata fil-librerija ġie nstallat u l-kotba għall-librerija b'risq Malta Communitiy Chest Fund kienu nxtraw ukoll.

1.3 Komunikazzjoni Mis-Sindku

1.3.1 Is-Sindku qal illi l-ewwel xtaq li jagħti update fuq Triq il-Kuċċard għaliex ix-xogħolijiet kienu reġgħu weħlu. Is-Sindku qal illi sabiex jiġu eżaminati l-ġebel li nstabu fi Triq il-Kuċċard jirrekjedi ħafna xogħol għaliex wara dan il-ġebel hemm xi terrapien u allura ħafna mix-xogħol irid isir bl-idejn. Huwa qal illi attenda meeting fejn intlaħaq kompromess li, sakemm jitlesta x-xogħol fuq dan il-ġebel minn *Superintendence of Cultural Heritage Malta,* għandhom jibdew bit-tindif fuq barra fejn ġejjin il-karriġjati. Is-Sindku qal illi l-area ta' Triq il-Kuċċard hija sensittiva' ħafna u x-xogħol qed jiġi segwit kontinwament minn 'monitor' tal-arkejoloġija u hekk kif jinstabu xi fdalijiet ix-xogħolijiet jieqfu mill-ewwel biex isiru l-investigazzjonijiet neċessarji. Pero' s-Sindku kkonferma li din il-laqgħa li huwa kien ilu jitlob ħalliet il-frott tagħha u li konsegwenza tagħha l-għada filgħodu kellhom jibdew xi xogħolijiet fi triq il-Kuċċard.

1.3.2 Is-Sindku qal illi l-ġurnata ta' qabel il-laqgħa kellu meeting fi Triq ta' Ġnien ta' Ball. Is-Sindku spjega fejn instab magħqad tal-ilma f'din l-istess triq u li l-Periti kienu qiegħdin jipruvaw isibu soluzzjoni . Is-Sindku qal illi diġa' kienu bdew iqaxxru t-triq u li x-xogħol kien miexi sew.

1.3.3 Is-Sindku qal illi kien għamel talba lil Infrastructure Malta sabiex minn Misraħ Ħlantun sal-Borehole tiġi asfaltata wkoll. Is-Sindku qal illi kienu tawh il-kelma illi din it-triq għandha ssir. Is-Sindku qal illi kien talab ukoll sabiex issir it-triq fejn hemm il-post tan-naf.

1.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-Kunsill ma kellux ikun jaf fuq din it-talba minn media soċjali u talbiet bħal dawn għandhom jiġu diskussi waqt il-laqgħa. Hawn il-Kunsill iddiskuta t-talba tagħna flimkien mal-Kunsill taż-Żurrieq rigward il-bidla fil-konfini.

1.3.4.1 Is-Sindku qal illi l-kuntrattur kien tah l-istima tal-asfalt tal-parti fejn inqelgħet l-Sleeping Policeman fi Triq il-Feniċi fuq it-telefon. Huwa qal illi x-xogħol intela' għal bejn 2,000

Euro u 2,200 Euro. Is-Sindku qal illi jidhirlu li fil-kuntratt kien hemm xi klawsola el ċertu ammont jitħallas fiss għaliex inkella ma jkunx vijabli għal kuntrattur. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kinitx taf b'din il-klawsola, u li għandna nimxu mar-rati tal-kuntratt. Il-Kunsill qabel illi x-xogħol fi Triq il-Feniċi jsir u li għandna nerġgħu niċċekjaw mal-kuntratt rigward il-ħlas.

1.3.6 Is-Sindku qal illi x-xogħolijiet fi Sqaq Ħannux dalwaqt kienu ser jibdew.

1.3.7 Is-Sindku qal illi kienu staqsewh sabiex nagħmlu Party tal-Karnival fis-sala għat-tfal. Huwa issuġġerixxa li nerġgħu nqabbdu l-Animator li qabbadna għal Party tat-tfal tal-Milied għaliex kellna rispons tajjeb ħafna fuqhom.

1.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-kunsillieri

1.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet ser torganizza Treasure Hunt u aktar il-quddiem mixja.

1.4.2 l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ż-żagħżagħ (bejn 13 u 15-il sena) kienu talbuha sabiex tagħmillhom sleepover li ser ikun organizzat fis-sala tal-Kunsill.

1.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi min imur fuq proġetti bħal ma għadu kif kellna t-town twinning għal Spanja, dawn għandhom ikunu approvati mill-Kunsill. Is-Sindku qal li konna rċevejna l-istedina dakinhar stess tal-laqgħa. F'dik l-istess laqgħa kien staqsa l-ewwel lill-Kunsilliera minn minnhom jista' jattendi u wara staqsa lil dawk il-persuni li l-Kunsill dejjem sabhom ta' għajnuna.

1.4.4 l-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-lotterija li ttellgħet waqt l-ikla tal-anzjani kinitx fil-programm. Is-Sindku qal illi r-rigali li ngħataw għal-lotterija kienu rigali minn ta' snin preċedenti.

1.5 Tender Restoration Ġnien Sir Alexander Ball

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi nhar il-Ġimgħa 18 ta' Jannar ser isir l-ftuħ tal-kuntratt tar-restawr ta' Ġnien ta' Ball u wara nkunu nistgħu nagħmlu l-evalwazzjoni tal-kuntratt. Is-Sindku qal illi min ser ikun fil-bord tal-evalwazzjoni importanti li jkun lest li jattendi għal laqgħat sabiex ma jkunx hemm ħafna dewmin. Il-Kunsilliera preżenti kollha aċċettaw li jiffurmaw parti mill-bord.

1.6 Tender Embellishement Ġnien ta' Ball

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi hija kienet qiegħda taħdem fuq il-kuntratt tal-Embellishement tal-Ġnien ta' Ball u l-istess kien hemm bżonn illi l-Kunsill ikollu bord sabiex isir l-evalwazzjoni tal-Kuntratt. Il-Kunsilliera preżenti kollha aċċettaw li jkunu parti mill-bord.

1.7 Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ressaq il-performance appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv u ssuġġerixxa li tingħata l-ammont massimu tal-bonus. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-bonus. Tali rapport għandu jitressaq għall-approvazzjoni tad-Dipartiment qabel jitħallas.

1.8 Attivita' flimkien ma Blue Light Foundation

Is-Sindku qal illi fil-laqgħa preċidenti kien qal rigward ix-xewqa tal-Blue Light Foundation li jagħmlu attivita' mal-Kunsill tagħna għal żmien Jum Hal Safi.

Is-Sindku qal illi idealment din l-attivita' għandha tkun organizzata għal nhar il-Ħadd 24 ta' Marzu mill-10:00am il-quddiem. Huwa qal illi l-attivita' ser tkun organizzata fil-pjazza u forsi Triq iż-Żurrieq u waqt l-attivita' ser isir ukoll ġbir ta' donazzjonijiet favur il-Blue Light Foundation.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet forsi nkunu nistgħu nġibu l-Blood Donation Unit għal żmien Jum Ħal Safi. Is-Sindku qal illi l-problema illi t-trailer tal-Blood Donation Unit huwa kbir u għalhekk jieħu ħafna spazju għaliex kieku nkunu nistgħu nġibuh ukoll għal waqt din l-attivita.

Il-Kunsill iddiskuta diversi points fejn nistgħu nagħmlu t-trailer u qablu li l-ewwel għandna naraw jekk humiex available dak in-nhar u naraw mal-Blue Light Foundation x'ser ikollna armat sabiex b'hekkj inkunu f'pożizzjoni li ngħidu hux ser ikun hemm spazju għat-trailer tal-Blood Donation Unit.

1.9 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera illi l-laqgħa tal-Lokalita' ser tkun il-Ħamis 24 ta' Jannar 2019.

1.9 Korrispondenza

1.9.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward e-mail Mistoqsija Parlamentari. Is-Segretarju Eżelittiv qalet li kienet tirrigwardja jekk ibbenfikajniex minn co-financing fuq Proġetti Ewropej.

1.9.2 Il-Kunsillier s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward e-mail 51/007. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet e-mail għal course fuq il-kura tad-dimentia provdut mill-Universita' ta' Malta.

1.9.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward e-mail 51/17 mid-Dipartiement. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet mistoqsija fuq in-nefqa għal manutenzjoni/tindif/ u/jew xiri tar-Road Side Litter Bins.

1.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

1.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-5:20 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar 2019 fit-3:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |